# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 27**

**Rikors numru 674/2021/1 ISB**

**Jean Marc Dalli**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**
**Avukat Ġenerali**
**Avukat tal-Istat**

1. Ir-rikorrent appella mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fis-26 ta' Settembru 2022 ["is-sentenza appellata"] li, filwaqt li lliberat lill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju, iddikjarat li l-istqarrija tar-rikorrenti li ttieħdet bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 mingħajr l-assistenza ta' avukat ma tiksirx il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-

Konvenzjoni"] u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"]).

**Preliminari**

2. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal dan il-każ kienu s-segwenti:

2.1. Il-pulizija arrestaw lir-rikorrent bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 in konnessjoni ma' pussess u traffikar ta' pilloli suspettati *ecstasy*. Dak iż-żmien kellu 18-il sena;

2.2. Fid-9 ta' Settembru 2013 fil-00:20hrs, wara li kien ikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u ġie mwissi mill-Ispettur Gabriel Micallef li ma kienx obbligat iwieġeb għad-domandi li kienu sejrin isirulu, iżda jekk jagħżel iwieġeb dan jitniżżel bil-miktub u jista' jinġieb bi prova, ta stqarrija fejn ikkonferma li dak il-lejl effettivament kellu fuqu l-*ecstasy* li xtara mingħand ċertu Cedric Zammit, li ma kinitx l-ewwel darba li xtara mingħand dik il-persuna, u xtara wkoll 6 pilloli *ecstasy* għal ċertu Dwight;

2.3. Fl-istess jum (9 ta' Settembru 2013) ir-rikorrent ikkonferma l-istqarrija bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. Ikkonferma wkoll li l-Pulizija arrestatu eżatt wara li għadda s-6 pilloli lil Dwight;

2.4. Fl-14 ta' Ottubru 2013 ingħalqet l-Inkjesta Maġisterjali u l-proċess verbal intbagħat lill-Avukat Ġenerali;

2.5. Fil-21 ta' Jannar 2014, bis-saħħa tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31), l-Avukat Ġenerali ordna li r-rikorrent jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex iwieġeb għall-ksur tal-istess Ordinanza;

2.6. Fit-2 ta' Ġunju 2014 ir-rikorrent tressaq il-qorti u ġie akkużat bi traffikar u pussess ta' droga *ecstasy* fil-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 u fil-jiem u xhur ta' qabel ġewwa Kordin f'Raħal Ġdid u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer;

2.7. Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017 ir-rikorrent eżenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lill-PS 168 Stephen Monreal bħala xhud tal-volontarjetà tal-istqarrija u tal-identità tiegħu;

2.8. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet:

> *"lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu iżda limitatament għal-lejl ta' bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013 u mhux għall-jiem u x-xhur ta' qabel din id-data, u tikkundannah għall-piena ta'* ***tliet***

***(3) xhur priġunerija effettiva u multa ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650)*** *li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.*

*Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammit, l-oriġinali ta' liema tinsab esebita fl-atti tal-proċeduri quddiem din il-Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Dwight Falzon', liema spejjeż għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qorti. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet xhur mil-lum."*

2.9. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) *inter alia* mmotivat id-deċiżjoni tagħha kif ġej:

*"Il-prova prinċipali illi din il-Qorti għandha quddiemha hija fil-fatt ix-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino.*

*Jirriżulta minn din ix-xhieda illi huwa u PS 1086 kienu "qegħdin f'post fejn bdew jipparkjaw il-vannijiet tat-trasport" ġewwa Raħal Ġdid stante li kien hemm party, u fir-rapport minnu mħejji in konnessjoni ma' dan il-każ, għalkemm taħt il-kolonna "Name, Surname, Father's or Husband's name and Residence of person concerned" huwa niżżel il-kliem"Sejba ta' Pilloli suspettati XTC ġo Party f'Kordin", fil-kolonna intestata "Precis of Occurrence", huwa niżżel illi"kienu qedin jagħmlu searches fuq persuni li kienu ser jidhlu l-Party ġewwa l-Ħabs l-Antik Kordin", li jfisser għalhekk illi dawn it-tfittxijiet ma kinux qed isiru fil-party, iżda barra l-lok tal-istess party. Fil-fatt dan ir-rapport ikompli jgħid illi "Għal-ħabta ta' 8pm l-Pulizija msemmija osservaw grupp ta' zaghzagħ li kienu għadom kif waslu".*

*Issa fl-istess rapport, ix-xhud ikompli jiddeskrivi dak li skond hu seħħ kif isegwi: "Jean Marc Dalli Id 11395(M) deher izomm dik li dehret borza f'idu u deher jghaddi xi ħaġa minnha lil persuna li kienet ħdejh li aktar tard irrizulta li kien ċertu Dweight Falzon Id 147194(M). Malli raw hekk il-Pulizija avviċinaw u f'dak il-ħin Jean-Marc deher jgħaddi l-borża li tfajla li kienet ħdejh ċertu Gabrielle Tonna Id 15895M u f'dak il-ħin it-tlett persuni ġew imwaqqfa." Żied iniżżel illi f'idejn Gabrielle Tonna instabet borża li kien fiha tlett (3) pilloli blu suspettati ecstasy u fil-but ta' Dwight Falzon instabu sitt (6) pilloli blu suspettati ecstasy, fil-waqt illi fuq il-persuna ta' Jean Marc Dalli ma nstab xejn.*

*Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, meta ġie biex jiddeskrivi dak li huwa kien ra, l-istess PS 1220 jgħid hekk: "Hin minnhom osservajna persuna li huwa l-imputat…fejn dan hareg borza u rajnieh jghaddi xi*

*haga lil persuna ohra li wara meta ccekkjajna kien certu Dwight Falzon. Malli rajna hekk morna fuqhom. x'hin konna sejrin napprocjawh ghadda borza lil tfajla, certu Gabrielle Tonna. Jien ghamilt tfittxija fuq l-imputat pero ma kont sibt xejn illegali fuqu. Dawn it-tliet persuni gew arrestati …".*

*Dwar dak li nkiteb minn PS 1220 fir-rapport tiegħu u x-xhieda tal-istess PS 1220 f'dawn il-proċeduri, id-difiża tissottometti illi hemm diskrepanza u dan fis-sens skont l-istess difiża, illi fil-waqt illi fix-xhieda tiegħu, PS 1220 jgħid illi l-imputat għadda xi ħaġa lil Dwight Falzon, u li mbagħad l-istess Falzon għadda borża lil Gabrielle Tonna, fir-rapport tiegħu huwa jgħid illi l-imputat għadda xi ħaġa minn borża li kellu f'idu lil Dwight Falzon u li sussegwentement, l-istess imputat għadda l-borża lil Gabrielle Tonna li kienet ħdejh. Biss minn qari tax-xhieda tal-istess PS 1220, il-Qorti tinnota illi mkien fil-fatt ma jirriżulta illi l-istess xhud qal illi kien Dwight Falzon illi għadda l-borża lil Gabrielle Tonna, iżda huwa jgħid illi "x'hin konna sejrin napprocjawh ghadda borza lil tfajla" mingħajr ma jispeċifika jekk kienx qed jirreferi għall-imputat jew għal Dwight Falzon. Fir-rapport tiegħu, imbagħad, dan ġie spjegat minnu f'iżjed dettal, fejn jgħid illi kien l-imputat li għadda l-borża lil Gabrielle Tonna, fil-waqt li jżid ukoll illi f'idejn Tonna nstabet borża li kien fiha tliet pilloli blu u fil-but ta' Dwight Falzon instabu sitt pilloli blu. Għalkemm dak li nstab fil-pussess ta' Tonna u ta' Falzon ma ġiex indikat mix-xhud fix-xhieda tiegħu, la darba kien huwa stess li kiteb ir-rapport minnu esebit u la darba wkoll huwa kien preżenti fuq il-post waqt li seħħ dan kollu, il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita l-kontenut tar-rapport tal-istess PS 1220.*

*Imbagħad jirriżulta wkoll illi n-numru ta' pilloli li ġew mgħoddija lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, konfermat bħala espert f'dawn il-proċeduri, għall-analiżi tiegħu fil-proċeduri kontra Dwight Falzon, liema pilloli ġew formalment esebiti wkoll f'dawn il-proċeduri, kien ta' sitta. Jirriżulta wkoll mill-esebit in kwistjoni, li dawn il-pilloli kienu dawk elevati mill-but ta' Dwight Falzon fil-presenza ta' PS 1220 u PS 1086. Għal kompletezza jingħad illi r-relazzjoni tal-imsemmi espert kienet dik imħejjija minnu għall-fini tal-proċeduri meħuda kontra Dwight Falzon u li vera kopja tagħha ġiet esebita mill-istess espert f'dawn il-proċeduri.*

*Dak li l-Qorti għalhekk trid tikkunsidra huwa jekk ix-xhieda ta' PS 1220 Christopher Baldacchino tammontax għall-prova bastanti tal-allegat traffikar, tqassim jew provvista ta' mediċina psikotropika u ristretta da parti tal-imputat lil Dwight Falzon. Fi kliem ieħor, ix-xhieda ta' Baldacchino tagħmel prova suffiċjenti illi dak li l-imputat intlemaħ joħroġ mill-borża li kellu f'idejh, kien proprju s-sitt pilloli ecstasy li nstabu fil-but ta' Falzon?*

*Hija l-fehma meqjusa ta' din il-Qorti illi dak li xehed dwaru PS 1220 u li ma ġiex kontradett mid-difiża, jikkostitwixxi prova sodisfaċenti ta' dak li għamel l-imputat odjern. Id-difiża ma seħħilix tikkontradiċi dak*

*li ddepona x-xhud bil-mezz tal-kontro-eżami jew bi prova ulterjuri, u għalhekk mhijiex mittiefsa x-xhieda ta' PS 1220 in kwantu huwa jgħid illi ra lill-imputat jgħaddi xi ħaġa minn ġo borża lil Dwight Falzon, liema borża sussegwentement l-istess imputat għaddiha lil Gabrielle Tonna u fiha nstabu tliet pilloli blu. La darba fil-borża in kwistjoni nstabu proprju pilloli blu, la darba wkoll l-imputat ġie nnutat joħroġ xi ħaġa minn din l-istess borża li ftit mumenti qabel kienet fil-pussess tiegħu u minnha għadda xi ħaġa lil Falzon u la darba wkoll Falzon dak il-ħin instab fil-pussess ta' sitt pilloli, ukoll blu, il-Qorti tqis illi ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li kien proprju l-imputat li għadda dawn il-pilloli lil Falzon.*

*Dan huwa ulterjorment konfermat mill-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-ġurament tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi huwa minnu, kif sewwa sew tirrileva d-difiża, illi din l-istqarrija ġiet rilaxxata mill-imputat qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att LI tal-2016 li estenda d-dritt ta' persuni suspettati jew arrestati li mhux biss jottjenu parir legali qabel l-interrogatorju tagħhom, iżda wkoll illi jkollhom l-assistenza ta' avukat waqt l-istess interrogatorju. Kif jirriżulta minn diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, il-posizzjoni dwar l-ammissibilita` o meno ta' stqarrijiet meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att hija llum kemmxejn fluwida. Bla dubju madanakollu, l-inammissibilita` assoluta ta' tali stqarrijiet a bażi ta' dak preċedentement deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta'* ***Salduz v. Turkey*** *u fil-każ ta'* ***Mario Borg v. Malta****, ġiet riveduta fis-sentenza iżjed riċenti tal-istess Qorti Ewropeja fl-ismijiet* ***Philippe Beuze v. Belgium****.*

*Jirriżulta wkoll illi l-Qrati tagħna, partikolarment wara d-deċiżjoni ta'* ***Beuze****, ukoll bdew iqisu aspetti oħrajn tal-proċeduri fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom dwar l-ammissibilita` o meno ta' stqarrija meħuda mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju tal-persuna arrestata jew suspettata ...*

*...*

*Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti. F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti iżjed 'il fuq, l-istqarrija tal-imputat kif ikkonfermatha wkoll minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, m'hijiex l-unika prova li tressqet fil-konfront tal-imputat, tant illi kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi ġie ppruvat illi fil-lejl in kwistjoni l-imputat għadda pilloli ecstasy lil Dwight Falzon u dan permezz tax-xhieda ta' PS 1220 u tar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut. Fi kliem ieħor, f'dan il-każ, l-istqarrija tal-imputat mhijiex dik il-prova esklussiva jew determinanti li fuqha qegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat. Imbagħad irid jingħad ukoll illi f'dan il-każ, fil-mori tal-proċeduri, id-difiża fl-ebda waqt ma kkontestat il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat, iżda anzi eżentat*

*lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil PS 168 Stephen Monreal bħala xhud tal-volontarjeta` tal-istess stqarrija u tal-identita` tal-imputat, kif lanqas ma kkontestat l-ammissibilita` tal-istess stqarrija, salv illi qajjmet għall-ewwel darba dan il-punt fit-trattazzjoni finali tagħha. Mhux biss, iżda fid-dawl tal-fatt illi l-imputat ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u semma' l-persuna li mingħandha huwa akkwista l-pilloli in kwistjoni, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi huwa għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli għall-każ odjern bis-saħħa tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti għalhekk tinsab sodisfatta illi l-imputat kien fil-pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta ecstasy fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013, liema mediċina huwa għaddiha lil Dwight Falzon, u liema reat huwa wettqu f'Kordin f'Raħal Ġdid, meta flimkien ma' sħabu Dwight Falzon u Gabrielle Tonna kienu fi triqthom lejn party li kien qiegħed jinżamm ġewwa l-Ħabs l-Antik. F'dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi għalkemm fil-bidu ta' dawn il-proċeduri, id-difiża sostniet illi l-każ odjern jittratta dak ikkontemplat fl-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia t-traffikar by sharing, huwa evidenti kemm minn dak li ra PS 1220, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, illi ma kienx il-każ illi l-imputat akkwista d-droga għalih u ddeċieda li jaqsam u jikkonsma minn dak li kellu għalih ma' Dwight Falzon, fl-istess post u fl-istess ħin, iżda huwa akkwista l-pilloli ecstasy speċifikament għal Falzon, fuq talba ta' dan tal-aħħar, u għaddihomlu qabel daħlu l-party, skont l-istess imputat, bl-istess prezz li huwa kien xtrahom mingħand it-terz. Dan ċertament ma jammontax sempliċiment għal traffikar by sharing, iżda huwa purament traffikar fid-definizzjoni tal-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Madankollu, in kwantu l-fatt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu mhux biss għal-lejl imsemmi, iżda wkoll għall-jiem u x-xhur ta' qabel, il-Qorti ma tqisx illi l-Prosekuzzjoni ressqet xi provi li jwassluha sabiex tikkonkludi illi l-imputat traffika l-pilloli ecstasy u kien fil-pussess tagħhom fil-jiem u x-xhur ta' qabel. Għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat jikkonferma illi huwa kien anke qabel, akkwista l-ecstasy mingħand it-terz li huwa jsemmi, u jgħid illi dejjem xtrahom bil-prezz ta' għaxar ewro kull pillola, huwa ma jgħidx meta kienu dawn id-drabi l-oħra, kif lanqas ma jirriżulta jekk huwa kienx għadda l-ecstasy lil ħaddieħor f'okkażżjonijiet preċedenti. Għalhekk in kwantu l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu wkoll għall-jiem u x-xhur ta' qabel il-lejl ta' bejn it-8 tu 9 ta' Settembru 2013, il-Qorti tqis illi dan ma ġiex sodisfaċentement ippruvat."*

2.10. Fit-12 ta' Frar 2021, ir-rikorrent appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali abbażi tas-segwenti lmenti: (i) validità o meno tal-

istqarrija rilaxxata mill-imputat nhar id-9 ta' Settembru 2013 mingħajr assistenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni; (ii) apprezzament żbaljat tal-evidenza; u (iii) l-piena. B'rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent talab illi l-ewwel aggravju jiġi trattat u deċiż qabel l-aggravji l-oħra. B'digriet mogħti fl-14 ta' Settembru 2021 il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet dik it-talba u ordnat il-prosegwiment tat-trattazzjoni tal-appell.

3. Fl-20 ta' Ottubru 2021 ir-rikorrent fetaħ din il-kawża u lmenta li *'l-istqarrija tiegħu ma ġietx sfilzata kif kellu jsir."* Talab għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi t-tehid tal-istqarrija tal-esponenti mingħajr il-presenża ta' Avukat jassistieh tilledi jew x'aktarx tilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti li jkollu smigħ xieraq, liema dritt huwa protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 39 tal-Kostituzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tiddikjara li l-istqarrija mertu ta' dawn il-proċeduri titqies bħala 'nammissibli' fi kwalunkwe proċeduri ta' natura penali kontra l-esponenti;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati 'nġunti għas-subizzjoni."*

4. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fl-24 ta' Diċembru 2021 l-intimati wieġbu: illi <u>in linea preliminari</u>, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali mhumiex leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri, u li l-azzjoni odjerna hija ntempestiva; u <u>fil-mertu</u>, illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Settembru 2022 ["is-sentenza appellata"] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *"i) **Tilqa`** l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u ghalhekk l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali qed jigu dikjarati bhala li ma humiex legittimi kontradditturi u qeghda tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.*
>
> *ii) **Tichad** it-tieni eccezzjoni tal-intimati.*
>
> *iii) **Tilqa'** l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati fid-dawl ta' dak hawn fuq deciz.*
>
> *iv) **Tichad** it-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara illi t-tehid tal-istqarrija tar-rikorrenti fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 minghajr il-presenza ta' avukat jassistih **ma jilledix** id-dritt fundamentali tar-rikorrent ta' smiegh xieraq, kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*
>
> *v) **Tordna** lir-Registratur sabiex kopja ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jean Marc Dalli" (Appell Kriminali 231/2014) li għad hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jitkompla s-smigħ tal-appell msemmi.*
>
> *Bl-ispejjes ta' din il-kawza jkunu a karigu tar-rikorrent."*

6. Safejn rilevanti għall-appell in disamina, il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti kienet sostanzjalment is-segwenti:

> *"Il-Qorti tqis illi mill-atti processwali jidher illi r-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel ma sarulu l-mistoqsijiet mill-Pulizija u qabel ma huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu, u hu ghazel li jaghmel uzu minn dak d-dritt. Minbarra dan fiz-zmien in kwistjoni ma kien hemm l'ebda lment da parti tar-rikorrenti li ma kienx inghata parir legali qabel ma' ta' l-istqarrija.*
>
> *Illi ghalhekk dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk l-access ghall-Avukat li kellu r-rikorrent f'dak iz-zmien kienx jirrispetta l-elementi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*
>
> *...*
>
> *Il-Qorti tqis illi d-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija cara fis-sens illi <u>kull każ irid jitqies għalih</u> billi jiġi mistħarreġ kull każ individwalment sabiex jigi stabbilit jekk bil-fatt*

*illi l-persuna akkużata ma kelliex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setghax impinġa fuq is-smiegħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.*

*Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, ir-rikorrent gie arrestat bil-lejl, bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013, u ttehditlu stqarrija dak il-hin stess wara li gie arrestat. Huwa nghata s-solita twissija u kien tkellem ma' avukat tal-fiducja tieghu. Imbaghad kien volontarjament ha gurament fuq din l-istess stqarrija quddiem il-Magistrat inkwirenti.*

*Illi l-ligi applikabbali fis-sena 2013, kienet l-Artikolu 355AT tal-Kodici Kriminali (KAP 9 tal-Ligijiet ta' Malta), illi kien jistipula hekk:*

> "***355AT***. *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu.*"

*Il-Qorti tqis illi hawnekk jirrizulta illi r-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat bit-telephone qabel ma ghamel l-istqarrija tieghu u fil-fatt hekk jirrizulta illi ghamel. Jirrizulta wkoll li qabel ma' huwa rrilaxxja l-istqarrija, huwa kien imwissi bil-konsegwenzi tal-istess stqarrija. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li r-rikorrent kellhu tmintax il-sena u li din kienet l-ewwel darba li kien dahal f'ghassa tal-Pulizija.*

*Il-Qorti tqis illi din il-kawza fil-konfront tar-rikorrent tinsab issa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara illi l-Qorti fl-ewwel istanza tat id-decizjoni taghha u sabiet il-htija.*

*Il-Qorti tqis illi bhala overall fairness, hu prematur li wiehed jghid li l-istqarrija wahedha twassal ghal allegata vjolazzjoni tad-dritt ghas-smiegh xieraq tar-rikorrent. Din il-Qorti tinnota wkoll li quddiem il-Qorti tal-Appell Kirminali saret talba da parti tar-rikorrenti sabiex l-ewwel tiddeciedi dwar l-ewwel aggravju u wara tevalwa l-aggravji l-ohra. F'dan l-ewwel aggravju hu attaka l-validita` tal-istqarrija li huwa kien rrilaxxa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet taghha tal-14 ta' Settembru 2021, sostanzjalment qalet li ma kienx hemm talba ghall-isfilz tal-istqarrija, izda dwar il-validita` o meno tal-istqarrija. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalhekk ddecidiet li m'ghandiex tispezzetta l-procedura u li "l-Qorti trid qabel xejn tisma x'ghandhom jghidu l-appellant u l-Avukat Generali dwar dan l-aggravju matul il-kors tat-trattazzjoni tal-appell." Ghalhekk cahdet t-talba tar-rikorrent.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi meta ssir evalwazzjoni tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja rigward dan il-punt, wiehed jista` jara li kollox gie stabbilit fil-kawza ta'* ***Beuze*** *kkwotata aktar il-fuq*

…………

*Il-Qorti tqis li minn naha wahda, ir-rikorrent veru li ma kellux l-presenza ta' l-Avukat waqt illi rrilaxxja l-istqarrija, daqs kemm huwa minnhu illi l-istqarrija kienet, fiha nnifisha, tinkrimina lir-rikorrenti. Ukoll huwa minnhu illi r-rikorrent kellu 18 il-sena u kienet l-ewwel darba illi ttiehed l-ghassa tal-pulizija.*

*Tqis pero` minn naha l-ohra illi r-rikorrent kien inghata u uza d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni u anke nghata d-debita twissija. Tqis ukoll illi l-istess stqarrija kienet guramentata u fuq kollox huwa ferm evidenti minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi l-Qorti qieset provi ohra biex wasslet ghad-decizjoni taghha ta' htija. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija magħmula mill-imputat ma tistghax titqies bhala waħda determinanti, peress illi minn qari akkurat tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kif appellata quddiem il-Qorti Kriminali johrog evidenti illi l-gudizzju tal-ewwel Qorti u li issa ser ikun ukoll sindakat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, jmur lil hinn mis-semplici stqarrija moghtija in kwantu illi l-Qorti qieset ukoll provi ohra, fosthom xhiedha okulari ta' ufficjali tal-Pulizija.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi fl-eta' ta' 18 il-sena, l-imputat jista' jigi meqjus illi kien zghir fl-eta', u hekk hu anke jekk kellu l-eta' tieghu, pero` minn dak li nghad minnhu fl-istess stqarrija - verzjoni b'ebda mod kontradetta fil-kors tal-proceduri -, huwa kien mitlub minn terza persuna (Dweight) sabiex jipprovdi pilloli ecstasy, peress illi t-terz kien jaf illi l-imputat kien ser ikun fil-presenza ta' persuna (il-lahmi) li jkollu fuqu il-pilloli ecstasy, kif fil-fatt jidher illi kien il-kaz, ghaliex l-imputat jidher illi ottjeni l-pilloli u ghaddihom lit-terz. Ta' dik l-eta, zghira kemm hi zghira, anke hallas ghal dawk il-pilloli u gabar flusu lura.*

*Il-Qorti tifhem illi ta' eta' tenera, ir-rikorrent kien ben konxju ta' dak li kien qed jaghmel, u ma kelliex tkun sorpriza ghalih illi jekk il-Pulizija sejjhitlu ghal dak li rat jigri, huwa jigi mitkellem u nterrogat wara illi kien ikkonsulta mal-Avukat tieghu.*

*Din il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorrent naqas milli juri li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Lanqas ma tirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li jwieġeb volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi u wara illi kkonsulta mal-Avukat tieghu.*

*Finalment, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ghaddha minn process giudizzjajru fl-ewwel istanza u ma jirrizulta minn mkien lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta minn Maġistrat, iddeċidiet il-*

*kawża Kriminali wara li semgħet u qieset il-provi kollha u għalhekk kienet fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu. Fis-sentenza tal-Qorti hemm ir-raġunijiet ta' x'wassalha sabiex issib lill-attur ħati. Ghaliex il-Qorti kienet f'pożizzjoni tqis l-provi kollha li tressqu quddiemha, anke u rrispettivament ta' x'setgħa qal lill-pulizija l-imputat fl-istadju tal-investigazzjoni. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-imputat ngħata kull opportunita` li jressaq il-provi li ried u jagħmel kontro-eżamijiet ta' xhieda tal-prosekuzzjoni li ried.*

*Process fl-ewwel istanza, illi issa fuq kollox ser ikun skrutinat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, illi ma hemmx dubbju illi ser tevalwa u tqis l-aggravji kollha li ressaq l-hemmek appellant."*

7. Ir-rikorrent appella fl-14 ta' Ottubru 2022 u talab lil din il-Qorti sabiex:

*"tirriforma s-sentenza appellata ... billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati fejn iddikjarat l-intimat Kummissrju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali bħala li mhumiex il-leġittimi kontradittori, u wkoll fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija, u dan billi, filwaqt li tilqa t-talbiet kollha tal-appellanti kif dedotti minnu fir-rikors promutur tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati minn l-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu, u dna bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat appellat."*

8. L-appellati wieġbu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha b'dan illi l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud inkwantu infondat fil-fatt u fid-dritt.

**<u>L-Aggravju</u>**

9. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent baqa' jirrepeti li seħħ ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward għamel referenza għal:

9.1. L-element tal-volontarjetà: hemm diversi deċiżjonijiet ta' din il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fejn ġew skartati stqarrijiet minkejja li kienu ngħataw volontarjament, wara li ġiet mogħtija d-debita twissija, kif ukoll wara l-użu tad-dritt ta' konsulenza ma' avukat qabel l-interrogazzjoni (*The Republic of Malta v. Chukwudi Samuel Onyeabor, Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali, Morgan Onuorah v. Avukat tal-Istat, il-Pulizija v. Jason Cortis, Il-Pulizija v. Aldo Pistella, The Police v. Alexaner Hickey, Clive Dimech v. Avukat Ġenerali, Anna Gertrude d' Amico v. Kummissarju tal-Pulizija*);

9.2. Dwar l-element tal-vulnerabilità: hemm ukoll ġurisprudenza ampja fejn persuni ta' età tenera li qatt ma kellhom esperjenza preċedenti mal-Pulizija ġew meqjusa vulnerabbli (*The Police v. Alexaner Hickey, Il-Pulizija v. Alvin Privitera, il-Pulizija v. Esron Pullicino, Il-Pulizija v. Josianne Azzopardi, Salduz v. Turkey, il-Pulizija v. Carmel Polidano*);

9.3. Dwar il-fatt li l-istqarrija ġiet maħlufa quddiem il-Maġistrat tal-Għassa: hemm ukoll ġurisprudenza fejn stqarrijiet ġuramentati ġew dikjarati inammissibbli (*Christopher Bartolo v. Avukat tal-Istat, Il-Pulizija v. Josianne Azzopardi);*

9.4. Dwar il-fatt li hemm provi oħra li straħet fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li kellu kull opportunità jressaq il-provi tiegħu, inkluż li jagħmel il-kontroeżamijiet tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni: il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li prova waħda ottjenuta kontra l-liġi tista' waħidha tikkontamina l-proċess kollu *(Brian Vella v. L-Avukat Ġenerali, Ir-Repubblika ta' Malta v. Francis Xerri, Repubblika ta' Malta v. Anthony Bugeja et, Albu u Ohrajn v. Romania*).

**Konsiderazzjonijiet**

10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.[1]

11. F'sentenza riċenti[2] tal-QEDB, Lalik v. Poland (Application no. 47834/19) ġie mtenni:

> *"64. The Court reiterates that it is necessary to view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the Court will examine whether the proceedings as a*

[1] Beuze v. il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018 u Stephens v. Malta (35989/14) tal-14 ta' Ottubru 2020
[2] 11 ta' Mejju 2023

*whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).*

*65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).*

*66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150).”*

12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-*overall fairness* skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-*Grand Chamber* fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.

13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s-

suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat.

14. Hu fatt li meta r-rikorrent ta l-istqarrija lill-pulizija kien għadu ser jagħlaq dsatax-il sena u ma jirriżultax li kellu xi esperjenzi preċedenti simili mal-pulizija jew il-qrati.

15. Min-naħa l-oħra jirriżulta li qabel ta l-istqarrija r-rikorrent tkellem ma' avukat ta' fiduċja tiegħu, kif kellu jedd li jagħmel.

16. Ir-rikorrent ingħata wkoll twissija ċara li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi, u dak li jgħid kien ser jitniżżel bil-miktub u jista' jinġieb bi prova. Saħansitra kien ikkonferma l-istess stqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti wara li qal li *".... jiena tkellimt ma' avukat u kien għalhekk li rrilaxxajt din l-istqarrija"*.

17. Minn meta tressaq il-qorti dejjem kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu u tul il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) altru milli kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità ta' dak li hemm miktub li qal lill-pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti.

18. Kontra r-rikorrent tressqu provi oħra. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali straħet fuq provi oħra tal-prosekuzzjoni (PS 1220 u r-rapport tal-espert Godwin Sammut)

sabiex sabet ħtija. Fil-fatt dik il-Qorti ddeskriviet id-deposizzjoni ta' PS 1220 Chris Baldacchino bħala l-prova prinċipali. Fis-sentenza l-Qorti għamlitha ċara li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx *".... dik il-prova eskussiva jew determinanti li fuqha qiegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat"*. Saħansitra dik il-Qorti kkunsidrat ukoll il-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-qrati Maltin f'każijiet dwar stqarrijiet li jittieħdu fi stadju qabel is-suspettat jitressaq il-qorti u mis-sentenza hu evidenti li ma qisitx l-istqarrija u xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala l-provi determinati sabiex sabitu ħati ta' traffikar u pussess ta' *ecstasy* bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013.

19. Kien biss fit-trattazzjoni li r-rikorrent argumenta li l-istqarrija u x-xhieda li ta quddiem il-Maġistrat, ma tistax tintuża għaliex ma kienx preżenti avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan kien tmien snin wara li tressaq il-qorti.

20. Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-rikorrent lanqas ma rtira l-istqarrija jew biddel dak li qal lill-pulizija. Saħansitra kkonfermaha bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti, persuna indipendenti mill-pulizija, u tenna li kien għamel l-istqarrija b'mod volontarju wara li ngħata twissija u tkellem ma' avukat.

21. Saħansitra, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017 l-avukat li ddefendih iddikjara li l-imputat, *".... qed jeżenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' bħala*

*xhud tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputat u tal-identita tiegħu lil PS 168 Stephen Monreal"*.

22. Saħansitra r-rikorrent ħa benefiċċju mill-fatt li kien ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, għaliex dan ġie rifless fil-piena (ara dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bit-titlu *"konsiderazzjonijiet dwar il-piena"*).[3]

23. Inoltre, ir-rikorrent għad għandu appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn ġudikant ieħor ser jistħarreġ l-ilmenti kollha tiegħu u jagħmel l-apprezzament tal-provi mill-ġdid biex finalment jiddetermina jekk humiex ġustifikati.

24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, li għadha *sub judice*, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s'issa m'hemm xejn x'jindika li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x'aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu l-proċeduri kriminali bla bżonn.

---

[3] Skont Art. 29 tal-Kap. 101.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Peress li tqis li l-appell hu fieragħ tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat kopja awtentika ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex b'hekk ikun jista' jitkompla s-smigħ tal-appell tar-rikorrent (numru 231/2014 – Il-Pulizija v. Jean Marc Dalli).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr